MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 427/2002/1

**Rita mart John Spiteri u Carmen mart Mario Spiteri, ilkoll aħwa Briffa**

**vs**

**Andrew, Ċetta mart Lawrence Cutajar, Carmelo u Gejtu, ilkoll aħwa Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi ppreżentata fit-12 t'April 2002 fejn premettew:

Illi fit-23 ta' Jannar 1996 u fit-13 t'April 1999 mietu rispettivament Carmelo u Carmena konjuġi Briffa, ġenituri tal-kontendenti;

U illi b'testment *unica charta* datat ħamsa u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (25.01.1983) fl-atti tan-Nutar Dr Joseph R. Darmanin (Dok A) ġew nominati eredi universali l-kontendenti kollha salv żewġ dispożizzjoni fejn il-konvenut Andrew ingħata fl-ewwel lok b'titolu ta' prelegat ir-razzett mingħajr numru li qiegħed fi triq ta' Wied Ganu, Żurrieq bil-biċċa raba' żgħira li hemm miegħu u żewġ garages żgħar li qegħdin mal-istess razzett, u fit-tieni lok ingħata b'titolu ta' prelegat id-dritt t'abitazzjoni gradwita għal tul ħajtu kollha tad-dar t'abitazzjoni tagħhom fil-preżent "Mount Carmel", Curved Street, Żurrieq;

U illi l-atturi għandhom dritt ta' leġittima fuq is-sustanzi kollha ereditarji tal-ġenituri kompriżi l-prelegati mħollija mid-deċuji;

U illi l-konvenuti kollha aċċettaw, sia taċitament, u sia espressament l-eredita' tal-ġenituri tagħhom;

U illi l-atturi aħwa Briffa b'żewġ noti numerati 498/02 u 499/02 rispettivament ippreżentati fis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, irrinunzjaw formalment għall-wirt tal-ġenituri tagħhom, pero' rriservaw *inter alia* l-leġittima lilhom spettanti skont il-liġi (Dok B u Dok C);

U illi l-atturi għandhom interess li ssir il-likwidazzjoni u qasma tal-wirt tal-ġenituri tagħhom sabiex jieħdu dak spettanti lilhom skont il-liġi;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom il-għaliex, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tistabbilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwist ġja' eżistenti bejn l-imsemmija Carmelo u Carmena konjuġi Briffa, billi tiġi dikjarata konsistenti fil-beni u sustanzi li jirriżultaw waqt il-kawża;
2) Taqsam, il-komunjoni hekk formata u likwidata, f'żewġ porzjonijiet, li waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Carmelo Briffa u l-oħra lill-assi partikolari ta' Carmena Briffa;

3) Tifforma u tillikwida l-assi partikulari tal-imsemmi Carmelo Briffa billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-ko-akkwisti u f'dawk il-beni u sustanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4) Tifforma u tillikwida l-assi partikolari ta' Carmena Briffa billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-ko-akkwisti u f'dawk il-beni u sustanzi li jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża;

5) Tillikwida favur kull waħda mill-atturi l-leġittima li jmisshom skont il-liġi, mill-eredi tal-ġenituri tagħhom billi jiġu kompriżi fl-istess assijiet, il-prelegati mħollija u dak kollu li jidħol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredita' skont il-liġi, billi jiġu wkoll dikjarati l-konvenuti jew minn minnhom bħala uniċi eredi (billi l-atturi rrinunzjaw għall-kwota ereditarja u rriservaw il-leġittima);

6) Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom iħallsu lill-atturi dak kollu li jmisshom bħala leġittimarji.

Bl-ispejjeż tal-ġudizzju kontra l-konvenuti jew minn minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti preżentata fit-3 ta' Ġunju 2002 fejn eċċepew:

1. Preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni *stante* li ma ġiex ippreżentat flimkien mal-att taċ-ċitazzjoni l-avviż meħtieġ lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni *ai termini* tal-artikolu 63 tal-Kap 364.

2. L-atturi ma jistgħux jipproċedu għall-leġittima *stante* li r-rinunzja għas-sehem tagħhom mill-wirt saret aktar minn sitt snin wara li miet Carmelo Briffa u kważi tlett snin wara l-mewt ta' Carmela Briffa, b'tali mod li f'dan il-perjodu l-atturi kienu għamlu atti li juru minnhom li huma aċċettaw il-wirt ta' l-awturi tagħhom, biex b'hekk ir-rinunzja ma setgħetx issir;

3. Illi fi kwalunkwe każ, il-konvenuti qatt m'opponew jsiru diskussjonijiet dwar il-possibbilta' tal-qsim tal-wirt skont it-testment tal-awturi tagħhom, tant li kienu saru tentattivi bonarji f'dan is-sens;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' l-awturi tal-kontendenti hija żgħira wisq biex tkun tista' twassal għal sehem in-natura mill-assi formanti parti mill-eredita' tal-awturi tal-kontendenti;

5. Illi mhux il-valuri tal-assi kollha ndikati mill-atturi għandhom jiġu kompriżi fil-komputazzjoni tal-patrimonju tal-awturi tal-kontendenti *stante* li mhux kollha kienu jiffurmaw parti mill-istess patrimonju;

6. Illi l-konvenuti kienu dejjem disposti li jaslu fi ftehim ma' ħuthom atturi, iżda dawn qatt ma wieġbu konkretament xi jridu u għalhekk il-konvenuti ma għandhomx ibagħtu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet tat-13 t'Ottubru 2003 (a fol 24) fejn ġie nominat l-Arkitett u Inġinier Ċivili Valerio Schembri bħala perit tekniku, u r-relazzjonijiet tiegħu debitament maħlufa;

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-verbali tas-seduti li saru quddiem il-varji periti legali li ġew nominati u li n-nomini rispettivi ġew kollha għal xi raġuni jew oħra revokati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-porzjoni leġittima lilhom mill-wirt ta' missierhom u ommhom. Dawn wara li fit-testment tal-ġenituri l-ulied kollha tħallew bħala werrieta, pero' min-naħa tagħhom l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħhom (filwaqt li żammew ferm it-

talba tagħhom għall-porzjoni riservata – ara fol 9 u 11). Tħalla naturalment ukoll legat ta' użufrutt favur l-konjuġi superstiti illi llum ġie fi tmiemu *stante* l-mewt taż-żewġ testaturi.

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija li l-atturi kellhom jesebixxu kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* mal-att taċ-ċitazzjoni skont id-dispożizjonijiet tal-liġi msemmija. Madankollu kif sewwa rrimarkaw l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, meta huma rrinunzjaw għall-wirt ma kienux baqgħu responsabbli biex jagħmlu dik id-dikjarazzjoni u allura l-artikolu 63 tal-Kap. 364 ma japplikax għalihom. Għalhekk fil-konfront tal-atturi din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli.

Illi eċċezzjoni oħra tal-konvenuti hija fis-sens li r-rinunzja tal-atturi għall-wirt hija nulla u ma tiswiex għaliex huma għamlu l-hekk imsejjah *'atti di eredi'* wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom. Għalhekk jargumentaw il-konvenuti, din l-azzjoni ma setgħetx tiġi eżerċitata.

Illi dwar dan kienu l-konvenuti li kellhom l-obbligu jressqu provi; f'ġudizzju ċivili il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-*preponderanza tal-probabbiltajiet* (**"Zammit vs Petroccochino"**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummercjali, fil-25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet; *b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo'* (**"Enrico Camilleri vs Martin Borg"**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, fis-17 ta' Marzu 2003).

Illi din il-Qorti kif doveruż, eżaminat l-atti u jidhrilha li ma tressqux biżżejjed provi fis-sens li qed jargumentaw il-konvenuti. L-unika

prova jekk tista' tissejjaħ hekk hija d-depożizzjoni tal-konvenuti li jinsistu li l-attriċi Carmen Spiteri daħlet fid-dar tal-mejtin wara l-mewt tal-missier u ħadet xi oġġetti – iżda din il-verżjoni mhijiex sostnuta biżżejjed u fil-fehma tal-Qorti mhijex biżżejjed biex tinduċiha tilqa' din l-eċċezzjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Elena Mallia et vs Charles Sant Fournier et"** (deċiża fit-28 ta' Frar 2014):

*"... fil-kamp ċivili għal dak li hu l-apprezzament tal-provi il-kriterju mhux dak jekk il-ġudikant jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja verosimili. Dan fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, sostratt bażiku tal-azzjoni ċivili in kwantu dawn, mal-preponderenza tal-provi ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif paċifikament magħruf iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajjiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevli."* (**"Bugeja vs Meilak"**, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili).

Illi fuq kollox dan huwa applikazzjoni tal-prinċipju mportanti fil-kamp proċedurali tagħna, u ċjoe' li **min jallega jrid jipprova** jew **–** ***"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat"*** kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 1972; u **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella"**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, fit-2 ta' Mejju 1995).

Illi dwar **it-tielet u s-sitt eċċezzjoni** ma tantx hemm wieħed x'jgħid u dan għaliex f'kawżi simili mhux daqstant importanti min ried jiftiehem u min le għaliex kull parti għandha dritt tirrikorri għall-

Qorti biex tieħu sehemha minn wirt – ikun x'ikun dak is-sehem**,** u allura ma għandhiex tiġi penalizżata b'xi mod minħabba f'hekk.

Illi fir-rigward tal-mertu, u l-eċċezzjonjiet l-oħra huma f'dan ir-rigward, dawn it-tip ta' kawżi jippreżentaw dejjem numru ta' diffikultajiet legali. L-ewwelnett il-kawża naturalment tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar **qabel** l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment dik li qabel kienet il-legittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ pjuttost riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffettwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti, l-artikolu 116(2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara li l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija dik viġenti fiż-żmien li ġiet preżentata l-kawża, u dan qed jingħad biex meta jiġu ċitati sentenzi fir-rigward l-istess sentenzi għandhom jingħataw il-valur relattiv tagħhom fl-istess rigward.

Illi l-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bazi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu (**"Cutajar vs Cutajar"** – deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (**"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer"** – deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1950).

Illi skont l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, <u>id-donazzjonijiet</u> li jkunu saru

mit-testatur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġja' ngħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-**Professur Caruana Galizia** fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his deah had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however msy necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased' s estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Illi għalhekk kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejtin kellhom sitt itfal, il-leġittima kellha tkun nofs tal-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt

jipparteċipaw f'dan in-nofs. Għalhekk l-atturi imisshom wieħed minn tnax kull wieħed mis-sehem tal-ġenituri tagħhom kif effettivament qed jitolbu. Għandu jingħad li l-leġittima, skont il-liġi, allura viġenti, kienet tkun dovuta *in-natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara **"Vella vs Bezzina et**" deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru 1998), *is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-liġi, molto piu' meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha* (**"Sammut vs Refalo"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1954). L-istess sentenza **"Wismayer vs Wismayer"** fuq ċitata qalet, *sakemm id-decujus ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ.*

Illi dan illum ġie rimedjat bl-emendi msemmija u llum l-artikolu 615(2) jagħmilha ċar li dan id-dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut l-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt ossija d-data tal-mewt tad-decujus jekk il-kawża tiġi ntavola *entro* sentejn mill-istess data, kif effettivament sar f'dan il-każ. Madankollu kif ġja' ssemma dan ma japplikax għal din il-kawża peress li l-mewt tal-ġenituri tal-partijiet ġrat qabel ma ġew fis-seħħ l-emendi msemmija.

Illi *nonostante* l-mod kif ġiet durament kontestata l-kawża, il-partijiet għamluha ċara fin-noti ta' sottomissjonjiet tagħhom li jippreferu li din il-Qorti tordna ħlas ta' somma likwida bħala ħlas għall-leġittima dovuta milli tassenja partijiet indiviżi mill-proprjetajiet formanti parti l-assi tal-mejta. Dan ipoġġi lill-Qorti f'sitwazzjoni fejn trid tiddeċiedi jekk tapplikax il-liġi allura viġenti

kif indubbjament għandha tagħmel *'stricto jure'* jew jekk taderixxix għall-volonta' tal-partijiet u tillikwida somma kif issemma. Il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel kif jixtiequ l-partijiet għaliex fil-fehma tagħha jkun intuili li tagħti sentenza li żgur mhijiex se tikkuntenta lil ħadd, u agħar minn hekk ma ssolvilhom għal kollox il-pendenza għaliex f'dik l-eventwalita' tkun twassal biss għall-proċeduri ulterjuri bejniethom – u wara tnax-il sena dan ċertament ma jkunx ta' soljev għall-partijiet.

**KONSISTENZA TAL-ASSI**

Illi stabbilit dan, il-Qorti trid tgħaddi għall-konsistenza tal-assi tal-mejta biex tistabbilixxi l-ammont dovut lill-atturi.

Illi qabel xejn, bħalma jiġri f'każi simili, billi qamet il-kwistjoni tal-*puncto temporis* ta' meta għandhom jiġu valutati l-assi tal-mejta, il-Qorti tagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet **"Mary Anne Zammit vs Antonia Ellul"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 li tagħmilha ċara li dawn għandhom jiġu stmati kemm jista' jkun fid-data l-aktar viċina għall-likiwidazzjoni, u dan fuq l-iskorta tas-sentenza **"Mifsud vs Mizzi"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 1973. Biex tagħmel dan, in kwantu għall-proprjeta' mmobiljari, allura l-Qorti se tistrieħ fuq il-valutazzjoni tal-perit tekniku l-Arkitett u Inġinier Ċivli Valerio Schembri fl-atti ta' din il-kawża. Huwa minnu li l-konvenuti ppreżentaw rapport ta' perit inkarigat minnhom *ex parte*, iżda naturalment il-Qorti se taddotta l-istimi tal-espert nominat minnha.

Illi l-proprjetajiet immobiljari huma dawn (fol 37 sa fol 41 tal-proċess):

*House of Character* bl-isem 'Mount Carmel House', Curve Street iż-Żurrieq, stmata mija u sittax-il elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro (€116,468.00);

Razzett f'Wied Ganu Żurrieq stmat mija wieħed u ħamsin elf, erba' mija u disa' Ewro (€151,409.00);

Qbiela tar-raba' Ta' Xewki ż-Żurrieq stmata dsatax-il elf u mitt Ewro (€19,100.00).

Illi lanqas ma hemm kontestazzjoni li hemm kont bankarju ta' għaxart elef, seba' mija sitta u għoxrin Ewro (€10,726.00) (Dok AG). Lanqas ma ġie kontestat li l-konvenut Andrew Briffa rċieva donazzjoni ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro (€4,658.00) mingħand ommu. Dan ukoll irid jiġi komputat mal-assi skont il-liġi. Dwar ammonti oħra reklamati l-Qorti mhix sodisfatta li nġabu biżżejjed provi.

Illi ma hemmx qbil dwar il-valur tad-deheb, u hawn il-Qorti taqbel mal-konvenuti li ma saritx prova suffiċjenti dwar dan. Billi pero' ndubbjament dan id-deheb jeżisti, il-Qorti se taddotta valur *arbitrio bonii viri* ta' elfejn Ewro (€2,000) u mhux l-ammont imsemmi mill-atturi.

Illi għalhekk, l-ammont totali tal-assi qabel jitnaqqas id-dejn huwa ta' tliet mija u erbat elef, tliet mija wieħed u sittin Ewro (€304,361.00).

Illi bħala dejn il-Qorti se taċċetta l-ħlasjiet li għamel il-konvenut Andrew Briffa kif spjegati fid-Dokumenti AC2 sa AC 22 li jammontaw għal erbatax-il elf, erba' mija erbgħa u tletin Ewro (€14,434); dawn kienu l-ispejjeż tal-funerali u spejjeż oħra konnessi mal-bżonnijiet tad-decuji.  L-istess konvenut qed jirreklama kumpens ta' xogħlijiet li għamel hu fid-dar tal-ġenituri tiegħu iżda dawn ma jistgħux jiġu nklużi f'kawża simili u kellhom jiġu trattati fi proċeduri separati.

Illi matul il-kors tal-kawża, l-istess atturi fetħu kawża għal serviġi fil-konfront tal-istess konvenuti u dawn ġew ukoll reżi lill-ġenituri tagħhom; din ġiet deċiża fit-18 ta' Lulju 2012 u skont is-sentenza (a fol 502 sa 512) l-Qorti akkordat is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) u seba' mija u ħamsin Ewro (€750) rispettivament lill-atturi Rita u Carmen Spiteri; allura dan huwa dejn tal-assi ereditarji ammontanti b'kollox għal elf disa' mija u ħamsin ewro (€1,950).

Illi b'kollox għalhekk, hemm dejn ta' sittax-il elf tliet mija erbgħa u tmenin Ewro (€16,384).

Illi kwindi, meta wieħed inaqqas id-dejn mill-assi msemmija jasal għas-somma ta' mitejn sebgħa u tmenin elf, disa' mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€287,977) u allura l-leġittima spettanti lill-atturi hija ta' tlieta u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u disgħin Ewro (€23,998),  u ċioe' l-ammont imsemmi diviż bi tnax (sest tan-nofs).

Illi fir-rigward tal-imgħax reklamat mill-atturi, id-dispożizzjonijiet li jaħsbu fil-ħlas tal-imgħax daħlu fis-seħħ wara l-mewt tad-decuji kif spjegat u allura ma  humiex applikabbli għall-każ.  Madankollu, għalkemm ma hemmx dubju li normalment il-Qrati tagħna jimxu

mal-principju *in illiquidis non fit mora* kif ġie espress, per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **“Citadel Insurance vs Johan Ciantar”** deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta’ Ġunju 2002:

*“... meta talba għall-ħlas ta’ danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b’att ġudizzzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dakinhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.”*

Illi dan l-insenjament ġie aċċettat riċentement f’sentenzi tal-Qorti tal-Appell bħal **“Pacifico Bezzina vs Victor Buttigieg”** (deċiża fil-5 t’April 2013); **“Rainbow Mix Concrete Limited vs Andrew Scicluna”** (deċiża fit-28 ta’ Frar 2014); u **“Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat”** (deċiża fid-29 ta’ Novembru 2013).

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tapplika dan il-prinċipju għal dan il-każ fejn il-konvenuti setgħu kellhom idea ta’ x’kien dovut lill-atturi u allura kien messhom għall-inqas għamlu depożitu ġudizzjarju tal-ammont dovut. Ladarba l-atturi ġew privati minn dak li huwa tagħhom għal tant żmien huwa issa ġust illi jiġu mħallsa l-imgħaxijiet mid-data tal-intavolar tal-kawża u allura mit-12 t’April 2002.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi, u għaldaqstant tordna lill-konvenuti jħallsuhom is-somma ta’ tlieta u għoxrin elf, disa’ mija u tmienja u tmenin Ewro (€23,988) kull wieħed, bl-imgħaxijiet legali mit-12 t’ April 2002.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------